



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Marzu 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0043 (NLE)

7254/23
ADD 1

COASI 57
ASIE 25
POLMAR 15

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: ABBOZZ ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-FILIPPINI li tistabbilixxi s-Sottokomitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima u li tadotta t-termini ta' referenza tiegħu

ABBOZZ

ID-DEĊIŻJONI Nru .../2023
TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-FILIPPINI

ta'...

li tistabilixxi s-Sottokomitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima
u li tadotta t-termini ta' referenza tiegħu

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-FILIPPINI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem il-“Ftehim”), u b'mod partikolari l-Artikolu 48(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 48(3) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt irid jistabbilixxi sottokumitati speċjalizzati li jistgħu jgħinuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddetermina l-kompożizzjoni u d-dmirijiet ta' tali sottokumitati u kif jiffunzjonaw.
- (2) Il-Kumitat Konġunt stabbilixxa lista ta' sottokumitati u adotta t-termini ta' referenza tagħhom permezz tad-Deċiżjoni tiegħu Nru 2/2020 tat-28 ta' Jannar 2020.
- (3) Bi qbil ulterjuri tal-Partijiet, kemm il-lista tas-sottokumitati kif ukoll l-ambitu ta' kull sottokumitat jistgħu jiġu emendati.
- (4) L-istabbiliment ta' sottokumitat speċjalizzat ġdid dwar il-kooperazzjoni marittima jiffaċilita djalogu ddedikat dwar l-aspetti kollha tal-kooperazzjoni marittima bejn l-UE u l-Filippini u jipromwovi l-implimentazzjoni effettiva tal-programmi ta' kooperazzjoni marittima bejn il-Filippini u l-UE.
- (5) Jenħtieġ li t-termini ta' referenza stabbiliti fl-Anness B tad-Deċiżjoni Nru 2/2020 tal-Kumitat Konġunt tat-28 ta' Jannar 2020 japplikaw ukoll għas-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima mal-istabbiliment tiegħu.

- (6) F'konformità mal-Artikolu8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.
- (7) Sabiex is-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima isir operattiv fil-ħin, jeħtieġ li din id-Deċiżjoni tiġi adottata permezz ta' proċedura bil-miktub,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

*Stabiliment tas-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima
u adozzjoni tat-termini ta' referenza tiegħu*

1. Is-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima huwa b'dan stabbilit b'ħala sottokumitat speċjalizzat tal-Kumitat Konġunt.
2. It-termini ta' referenza stabbiliti fl-Anness B tad-Deċiżjoni Nru 2/2020 tat-28 ta' Jannar 2020 tal-Kumitat Konġunt għandhom japplikaw ukoll għas-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima.

Artikolu 2

Emenda tal-lista tas-sottokumitati

Il-lista ta' sottokumitati kifstabbilita fl-Anness A tad-Deċiżjoni Nru 2 2/2020 tal-Kumitat Konġunt tat-28 ta' Jannar 2020 hija sostitwita bil-lista stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kumitat Konġunt UE-Filippini
Il-President*

ANNEX

Il-Kumitat Konġunt UE-Filippini

Sottokumitati Speċjalizzati

Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp

Sottokumitat dwar il-Kummerċ, l-Investiment u l-Kooperazzjoni Ekonomika

Sottokumitat dwar il-Governanza Tajba, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet tal-Bniedem

Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima
